32004D0287

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Marzu ta' l-2004

li tipprovdi għall-*marketing* temporanju ta' ċerta żerriegħa ta' l-ispeċi Vicia faba u Glycine max li ma jissoddisfax il-ħtiġijiet tad-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE jew 2002/57/KE rispettivament

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 884)

(Test b'relevanza għall-EE)

(2004/287/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju ta' l-1966 dwar ir-reklamar taż-żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju ta' l-2002 dwar ir-reklamar taż-żerriegħa taż-żejt u tal-pjanti tal-fibri [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Fi Franza il-kwantita' ta' żerriegħa disponibbli ta' favetta (Vicia faba) u ta' fażola tas-soja (Glycine max) adegwata għall-kondizzjonijiet ta' klima nazzjonali u li tissoddisfa l-ħtiġijiet ta' kapaċita' ta' ġerminazzjoni tad-Direttivi 66/401/KEE jew 2002/57/KE rispettivament ma hijix biżżejjed u huwa għalhekk mhux adegwat li jilħaq il-bżonnijiet ta' dak l-Istat Membru.

(2) Ma huwix possibbli li jilħaq id-domanda għaż-żerriegħa ta' dawn l-ispeċji b'mod sodisfaċenti biż-żerriegħa minn Stati Membri l-oħra jew minn terzi pajjiżi li jissoddisfaw il-ħtiġijiet kollha stabbiliti fid-Direttivi 66/401/KEE jew 2002/57/KE rispettivament.

(3) Skond dan, Franza għandha tkun awtorizzata li tippermetti r-reklamar ta' żerriegħa ta' dawn l-ispeċji soġġetti għal inqas ħtiġijiet ħorox għal perjodu li tiskorri fit-30 ta' April 2004.

(4) Madankollu, Stati Membri oħra irrispettivament ta' jekk Iż-żerriegħa kienitx maħsuda fi Stat Membru jew f'pajjiż terz kopert bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru ta' l-2002 dwar l-ekwivalenza ta' spezzjonijiet ta' l-oqsma maħruġa f'terzi pajjiżi fuq kultivazzjonijiet li jipproduċu ż-żerriegħa u l-ekwivalenza ta' żerriegħa prodotti f'terzi pajjiżi [3] li huma f'pożizzjoni li jipprovdu lil Franza b'żerriegħa ta' dik l-ispeċe, għandhom ikunu awtorizzati li jippermettu r-reklamar ta' tali żerriegħa.

(5) Huwa xieraq li Franza taġixxi bħala l-koordinatur sabiex tassigura li l-ammont totali ta' żerriegħa awtorizzata ma' din id-Deċiżjoni ma tiskorrix l-kwantita' massima koperta b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma in konformita' ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Iż-Żerriegħa u Materjali li Tkabbar għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Kultivazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Ir-reklamar fil-Komunità' ta' żerriegħa tal-favetta (Vicia faba) li ma tissoddisfax l-ħtiġijiet ta' kapaċita' minimi ta' ġerminazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 66/401/KEE għandhom ikunu permessi, għal perjodu li jiskorri fit-30 ta' April ta' l-2004, in konformita' mat-termini stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u soġġetti għall-kondizzjonijiet segwenti:

(a) il-kapaċita' ta' ġerminazzjoni għandha tkun għall-inqas stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni;

(b) it-tikketta uffiċjali għandha tistqarr il-ġerminazzjoni aċċertata fl-eżaminazzjoni uffiċjali stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(C)(d) tad-Direttiva 66/401/KEE;

(ċ) Iż-żerriegħa kellha l-ewwel tkun imqiegħda fis-suq in konformita' ma' l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-reklamar fil-Komunità' taż-żerriegħa tal-fażola tas-soja (Glycine max) li ma tissoddisfax il-ħtiġijiet ta' kapaċita' minimi ta' ġerminazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2002/57/KE għandhom ikunu permessi, għal perjodu li jiskorri fit-30 ta' April ta' l-2004, in konformita' mat-termini stabbiliti fl-Anness f'din id-Deċiżjoni u soġġetti għall-kondizzjonijiet segwenti:

(a) il-kapaċita' ta' ġerminazzjoni għandha għall-inqas tkun stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni;

(b) it-tikketta uffiċjali għandha tisstabbilixxi l-ġerminazzjoni misjuba fl-eżaminazzjoni uffiċjali maħruġa ma' l-Artikolu 2(1)(f) u (g) tad-Direttiva 2002/57/KE;

(ċ) Iż-żerriegħa kellha l-ewwel tkun imqiegħda fis-suq in konformita' ma' l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

[2] ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 74. Direttiva kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 2003/61/KE.

[3] ĠU L 8, ta' l-14.1.2003, p. 10. Deċiżjoni kif emendata permezz tad-Deċiżjoni 2003/403/KE (ĠU L 141 tas-7.6.2003, p. 23).

Artikolu 3

Kwalunkwe persuna li tissupplixxi ż-żerriegħa li tixtieq tqiegħed fis-suq Iż-żerriegħa msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għandhom japplikaw għall-awtorizzazzjoni lill-Istat Membru fejn huwa stabbilit jew importat.

L-Istat Membru konċernat għandu jawtorizza lil min jissupplixxi dik Iż-żerriegħa fis-suq, kemm-il darba:

(a) hemm evidenza biżżejjed li jkun dubitat jekk min jissupplixxi huwix kapaċI jqiegħed fis-suq l-ammont ta' żerriegħa għal liema huwa applikat għal awtorizzazzjoni; jew

(b) il-kwantita' totali li għandu jkun reklamat mad-derogazzjoni konċernat jiskorri l-kwantita' massima speċifikata fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jassisstu lil xulxin b'mod amministrattiv fl-applikazzjoni f'din id-DeċIżjoni.

Franza għandha taġixxi bħala Stat Membru li jikkoordina għal dak li jirrigwarda l-Artikoli 1 u 2 sabiex tassigura li l-ammont totali awtorizzat ma jiskorrix l-kwantita' massima speċifikata fl-Anness.

Kwalunkwe Stat Membru li jirċievi applikazzjoni taħt l-Artikolu 3 għandu jinnotifika immedjatament lill-Istat Membru li qiegħed jikkoordina ta' l-ammont kopert bl-applikazzjoni. L-Istat Membru li jikkoordina għandu jinforma immedjatament lill-Istat Membru li qiegħed jinnotifika jekk awtorizzazzjoni tirriżultax f'kwantita' massima li tkun skorruta.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jinnofitikaw immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra tal-kwantitajiet għal liema rigward ġew mogħtija awtorizzazzjoni ta' reklamar ma' din id-DeċIżjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 24 ta' Marzu ta' l-2004.

Ghall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Speċi:	Tip ta' varjeta'	Kwantita' massima (tunnellati)	Ġerminazzjoni minima (% ta' żerriegħa pura)
Glycine max	(klassi ta' maturita': medja tard) Dekabig, Zen, Sapporo, Fukui, Safrana, Nikko, Celior,	2 500	75
	(klassi ta' maturita': medja tard sa tard) Imari, Mariana	700	
Vicia faba	Divine, Gloria, Maya, Melodie, Victoria	3 980	80